

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1362

tat-30 ta' Settembru 2020

**li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1213 rigward il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-Acer *japonicum* Thunberg, tal-Acer *palmaratum* Thunberg u tal-Acer *shirasawanum* Koidzumi, li joriġinaw minn New Zealand**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019<sup>(2)</sup>, stabbilixxa lista ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra b'riskju għoli.
- (2) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jekk, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, jiġi konkluż li pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor li joriġinaw minn pajjiż terz, minn grupp ta' pajjiżi terzi jew minn żona spċificika tal-pajjiżi terz ikkonċernat fih riskju inaċċettabbli ta' pesti, iżda li dak ir-riskju jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli jekk jitwettqu ċerti miżuri, il-Kummissjoni trid tħassar dik il-pjanta, dak il-prodott mill-pjanti jew l-oġġett l-ieħor mil-lista stabilita bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 u żżidhom mal-lista msemmjha fl-Artikolu 41 (2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.
- (3) Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213<sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tħassru mill-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019.
- (4) L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 jinkludi pjanti tal-ġeneru Acer L. bħala pjanti b'riskju għoli.
- (5) Fid-29 ta' Awwissu 2019, New Zealand resqet talba biex tesporta lejn l-Unjoni pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u tliet snin, bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqqmin jew imlaqqmin b'għajnejn, tal-ispeċijiet Acer *japonicum* Thunberg, Acer *palmaratum* Thunberg u Acer *shirasawanum* Koidzumi, ("il-pjanti spċifikati"). Dik it-talba kienet sostnuta bid-dossier tekniku rispettiv.
- (6) Fl-20 ta' Mejju 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ippubblikat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti tal-Acer spp. minn New Zealand<sup>(4)</sup>. L-Awtorità identifikat il-pesti *Eotetranychus sexmaculatus*, *Meloidogyne fallax*, *Oemona hirta* u *Platypus apicalis* ("il-pesti spċifikati") bħala rilevant għall-pjanti spċifikati, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għal dawk il-pesti li hemm deskritti fid-dossier, u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien minn kull pest li hu rilevant għal dik il-komodità.
- (7) Wara li nhärgħet dik l-opinjoni, ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1361<sup>(5)</sup> [l-Uffiċċċi tal-Pubblikkazzjoni ġiġi huwa ġentilment mitħlu idħħi referenza definitiva għar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 rigward ċerti pjanti għat-tħawwil tal-Malus *domestica* li joriġinaw mis-Serbja u ċerti pjanti għat-tħawwil tal-Acer li joriġinaw minn New Zealand] ħassar il-pjanti spċifikati mil-lista ta' pjanti ta' riskju għoli stabilita bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019.

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtieġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5).

<sup>(4)</sup> Il-Bord tal-EFSA dwar is-Sahha tal-Pjanti, 2020. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of Acer spp. plants from New Zealand. EFSA Journal 2020; 18(5): 6105. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6105>

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1361 tat-30 ta' Settembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 rigward ċerti pjanti tal-Malus *domestica* għat-tħawwil li joriġinaw mis-Serbja, u ċerti pjanti għat-tħawwil tal-Acer *japonicum* Thunberg, tal-Acer *palmaratum* Thunberg u tal-Acer *shirasawanum* Koidzumi, li joriġinaw minn New Zealand (ara l-pagina 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali).

- (8) Barra minn hekk, u abbażi ta' dik l-opinjoni, il-miżuri meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-pesti spēċifikati jistgħu jiġu adottati bħala rekwiżiti fitosanitarji għall-importazzjoni, biex tkun żgurata l-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni tal-pjanti spēċifikati fl-Unjoni.
- (9) Fil-każ ta' *Oemona hirta* u *Platypus apicalis*, il-miżuri deskritti minn New Zealand fid-dossier huma meqjusa bieżżejjed biex inaqqsu r-riskju mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti spēċifikati għal livell aċċettabbli. Għaldaqstant, il-miżuri għal dawk iż-żewġ pesti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq dawk deskritti minn New Zealand fid-dossier.
- (10) Fil-każ tal-*Meloidogyne fallax*, il-miżuri deskritti minn New Zealand fid-dossier huma konsistenti mar-rekwiżiti eżistenti stabbiliti fil-punt 10 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 (⁹) għan-nematodi, dwar is-siġar u l-arbuxxelli maħsubin għat-tħawwil.
- (11) Fil-każ tal-*Eotetranychus sexmaculatus*, huwa meqjus li t-twettiq tal-miżuri li tipproponi New Zealand fid-dossier waħedhom ma jnaqqasx ir-riskju mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti spēċifikati għal livell aċċettabbli, billi, skont l-opinjoni tal-Awtorità jibqa' jkun hemm xi incerteżzi. Ir-riskju mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti spēċifikati jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli jekk jiġi indirizzati l-inċerteżzi mhux identifikati billi jitwettqu miżuri addizzjonali rigward id-dikjarazzjonijiet uffiċjali u ċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti. Għalhekk, il-miżuri li applikat New Zealand fid-dossier dwar l-*Eotetranychus sexmaculatus* jenħtieġ li jiġi kkomplementati b'dawk il-miżuri li jindirizzaw l-inċerteżzi.
- (12) L-*Oemona hirta* u l-*Meloidogyne fallax* huma elenkti bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/2072. L-*Eotetranychus sexmaculatus* u l-*Platypus apicalis* għad ma ddaħħlux fil-lista tal-Unjoni tal-pesti ta' kwarantina li tinstab fir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/2072, iżda għandhom mnejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiddaħħlu fil-lista wara li ssir valutazzjoni tar-riskju sħiħa oħra. Jekk jiġi stabbilit, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju sħiħa ta' dawk il-pesti, li jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet, jiddaħħlu fil-lista li hemm fl-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/2072, u l-pjanti rilevanti jiġi elenkti fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament, flimkien mal-miżuri rispettivi. Imbagħad jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/2072 jiġi rieżaminat skont il-każ.
- (13) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2020/1213 jiġi emendat skont dan.
- (14) Sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji (⁹), l-importazzjoni tal-pjanti spēċifikati għandha tkompli fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblifikat.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Acer japonicum* Thunberg, tal-*Acer palmatum* Thunberg u tal-*Acer shirasawanum* Koidzumi, li joriġinaw minn New Zealand

(⁹) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

(⁹) Il-FTehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-FTehim SPS), [https://www.wto.org/english/tratop\\_e/spse\\_e/spsgr\\_e.htm](https://www.wto.org/english/tratop_e/spse_e/spsgr_e.htm)

*Artikolu 2***Emenda tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2020/1213**

L-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1213, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
“4. Pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u tliet snin bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqqmin jew imlaqqmin b'għajnejn tal-Acer <i>japonicum</i> Thunberg tal-, Acer <i>palmatum</i> Thunberg u tal- Acer <i>shirasawanum</i> Koidzumi	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48 ex 0602 90 50	New Zealand	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħielsa mill- <i>Eotetranychus sexmaculatus</i>;</li> <li>(ii) tul ħajjithom il-pjanti tkabbru dejjem f-post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li jiffurmaw parti minnu, huwa rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini</li> <li>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fiż-żminijiet ix-xierqa sa mill-bidu taċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>; f-każ ta' suspect tal-preżenza tal-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i> fis-sit tal-produzzjoni, twettqu trattamenti xierqa biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; ġiet stabbilita żona ta' 100 m madwar is-sit, li hi soġġetta għal sħarriġ spċificu fiż-żminijiet ix-xierqa biex jinstab il-pest <i>Eotetranychus sexmaculatus</i>, u fejn jinstab fuq xi pjanti, dawk il-pjanti nqal-ġħu u nqerdu minnufi;</li> <li>(iv) ġiet stabbilita sistema li qabel ma jiddaħħlu f-kull sit tal-produzzjoni l-għodod u l-makkinarju jkun żgurat li tnaddfu mill-ħamrija u minn biċċiet tal-pjanti u ġew iddiżinfettati biex jinħelsu mill-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>;</li> <li>(v) meta nħasdu l-pjanti tnaddfu u nqatughhom il-partijiet iż-żejda u għaddew minn spezzjoni fitosanitarja li tikkonsisti mill-inqas minn eżami viżiv dettaljat, speċjalment taz-zkuk u tal-friegħi biex jiġi kkonfermat li ma hemmx <i>Eotetranychus sexmaculatus</i> fuqhom;</li> <li>(vi) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti għaddew minn spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u l-friegħi, għall-preżenza tal-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>, u d-daqi tal-kampjun li ġie spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest, b'affidabbiltà ta' 99 %;</li> </ul> <p>(b) Taħt l-intestatura ‘Dikjarazzjoni Addizzjonal’, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinklud:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: ‘Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjoni tar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1362’;</li> <li>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</li> </ul>

<p>5. Pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u tliet snin bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqq-min jew imlaqqmin b'għajn, tal-<i>Acer japonicum</i> Thunberg tal-, <i>Acer palmatum</i> Thunberg u tal- <i>Acer shirasawanum</i> Koidzumi</p>	<p>ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48 ex 0602 90 50</p>	<p>New Zealand</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħiesa mill-<i>Oemona hirta</i> u mill-<i>Platypus apicalis</i>;</li> <li>(ii) tul-ħajjithom, il-pjanti tkabbru fpost tal-produzzjoni li flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, huwa rregistru u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;</li> <li>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fiż-żminijiet xierqa sa mill-bidu taċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Oemona hirta</i> u mill-<i>Platypus apicalis</i>; meta kien hemm suspecti tal-preżenza tal-<i>Oemona hirta</i> jew tal-<i>Platypus apicalis</i> fissit tal-produzzjoni, twettqu trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li dawn m'humiex preżenti;</li> <li>(iv) meta nħasdu l-pjanti tnaddfu u għaddew minn spezzjoni uffiċjali biex ikun ikkonfermat li ma fihomx l-<i>Oemona hirta</i> u l-<i>Platypus apicalis</i>;</li> <li>(v) ejazz qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti għad-dwej minn spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Oemona hirta</i> u tal-<i>Platypus apicalis</i>, u d-daqs tal-kampjun li ġie spezzjoni kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pesti, b'affidabbiltà ta' 99 %;</li> </ul> <p>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonal', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjonital-Kummissjoni (UE) 2020/1362';</li> <li>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rregistri.</li> </ul>
--	--	--------------------	--